IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.10.2014
COM(2014) 664 final

2014/0307 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li se tieħu l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tas-Seychelles mad-WTO

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

I. INTRODUZZJONI

Il-Membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u s-Seychelles laħqu l-istadju konklussiv ta' ftehim dwar it-termini għall-adeżjoni tas-Seychelles mal-organizzazzjoni. Dan wasal wara 19-il sena ta' negozjati, li bdew meta s-Seychelles ressaq l-applikazzjoni tiegħu biex jingħaqad mad-WTO fl-1995. It-talba tas-Seychelles għall-adeżjoni ġiet eżaminata waqt li kienu kkunsidrati l-elementi kumplessivi tar-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali mas-Seychelles fil-kuntest tas-Sħubija UE-AKP u l-impenn tas-Seychelles li jfittex li jikseb il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u Ftehim Ekonomiku u ta' Sħubija sħiħ. Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova t-termini tal-adeżjoni tas-Seychelles hija meħtieġa mit-TFUE qabel ma l-UE tkun tista' tappoġġa formalment dik l-approvazzjoni fid-WTO.

Taqsira tat-termini tal-adeżjoni tinsab hawn taħt.

II TAQSIRA TAT-TERMINI TAL-ADEŻJONI TAS-SEYCHELLES MAD-WTO SKONT IS-SETTUR

Skeda tal-impenji

Prodotti (b'mod ġenerali)

Ir-rata ta' tariffa medja finali (FBR) fl-iskeda tal-adeżjoni tas-Seychelles hija ta' 16,1 %.

L-FBR medja għall-prodotti tal-agrikoltura ta' 26,8 % hija ogħla mill-10,5 % osservata għall-prodotti industrijali.

Is-Seychelles se jimplimenta l-FBRs mid-data tal-adeżjoni.

Dawn il-livelli medji għat-tariffi huma raġonevoli meta jitqies id-daqs żgħir u l-vulnerabbiltà tal-ekonomija tas-Seychelles. Fl-imgħoddi l-prassi tal-UE kienet li dawn il-livelli ta' tariffi jiġu aċċettati bħala raġonevoli għal ekonomiji ta' daqs komparabbli.

Prodotti Industrijali

- L-FBR medju għal prodotti mhux agrikoli huwa ta' 10,5 %.
- L-ogħla medji ta' madwar 25 % huma osservati fis-setturi tas-sajd, tal-għamara u tax-xedd ir-riġlejn.
- Is-Seychelles jikkonċedi trattament ta' eżenzjoni mid-dazju għal prodotti farmaċewtiċi, tagħmir mediku, u Prodotti tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (ITA), billi jorbot ir-rati medji finali għal dawn il-prodotti fil-livell ta' 0 %.
- Il-livelli massimi tat-tariffi huma ta' 200 % għal tajers retreaded/regrooved u għal ħwejjeġ użati.

Prodotti agrikoli

- L-FBR medja għall-prodotti agrikoli hija ta' 26,8 %.
- Il-livelli massimi tat-tariffi huma ta' 250 % għal birra u wiski fi fliexken tal-plastik, u ta' 200 % fuq it-tabakk.

Servizzi

Is-Seychelles se jidħol għall-impenji ta' aċċess għas-suq u ta' trattament nazzjonali f'firxa wiesgħa ta' setturi tas-servizzi, inklużi s-servizzi professjonali, tal-kompjuter u ta' negozju ieħor, is-servizzi tal-komunikazzjoni, servizzi tal-kostruzzjoni, servizzi tad-distribuzzjoni, servizzi edukattivi, servizzi ambjentali, servizzi finanzjarji (tal-assigurazzjoni u bankarji),

servizzi tas-saħħa u soċjali, servizzi tat-turiżmu u dawk tat-trasport (servizzi ta' trasport marittimu u ferrovjarju u servizzi awżiljarji).

Impenji tal-protokoll

Fl-aħħar stadju multilaterali tal-proċess ta' adeżjoni, il-Membri tad-WTO fittxew kollettivament li jiżguraw il-kompatibilità bażika tal-liġijiet u l-istituzzjonijiet kummerċjali tas-Seychelles mar-regoli u l-ftehimiet tad-WTO u stipulawhom fil-Protokoll ta' Adeżjoni u r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma. F'dan l-isfond, is-Seychelles ħa fuqu l-impenji tar-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma u rrinunzja għal kwalunkwe perjodi tranżizzjonali, ħlief fir-rigward tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ, li se jkun implimentat bis-sħiħ biss minn Diċembru 2015.

F'dan ir-rigward, is-Seychelles fost l-oħrajn obbliga ruħu li jneħħi d-dazji u l-imposti l-oħra kollha u li jorbot lil dawn tal-aħħar għal 0 % fil-mument tal-adeżjoni u wkoll li jissostitwixxi l-projbizzjoni attwali ta' importazzjoni applikabbli għal xi prodotti relatati mal-SPS (ġlud ta' barra u ġlud tal-fer u pjanti tal-palm), vetturi użati, vetturi li jinstaqu mix-xellug, karozzeriji u ħwejjeġ tal-kamuflaġ, b'sistema ta' awtorizzazzjoni.

III. RAKKOMANDAZZJONI

Bil-preżentazzjoni tat-termini tal-Adeżjoni ta-Seychelles fid-WTO għall-approvazzjoni mill-Kunsill, il-Kummissjoni tikkunsidra li dawn it-termini jirrappreżentaw pakkett ibbilanċjat u ambizzjuż ta' impenji fir-rigward tal-ftuħ tas-suq, li se jkollhom benefiċċji sostanzjali għas-Seychelles u bl-istess mod għas-sħab kummerċjali tiegħu tad-WTO.

2014/0307 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li se tieħu l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tas-Seychelles mad-WTO

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91, 100(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 1995 il-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles applika għall-adeżjoni mal-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), b'konformità mal-Artikolu XII ta' dan il-Ftehim.

(2) Grupp ta' Ħidma dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tas-Seychelles ġie stabbilit fil-11 ta' Lulju 1995 sabiex jintlaħaq ftehim dwar it-termini ta' adeżjoni aċċettabbli għar-Repubblika tas-Seychelles u l-Membri kollha tad-WTO.

(3) Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, innegozjat għadd komprensiv ta' impenji għall-ftuħ tas-suq min-naħa tar-Repubblika tas-Seychelles li jissodisfaw it-talbiet tal-Unjoni, waqt li jikkunsidraw ir-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali mas-Seychelles fil-kuntest tas-sħubija UE -AKP u l-impenn tas-Seychelles li jfittex li jikseb il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u Ftehim Ekonomiku u ta' Sħubija sħiħ.

(4) Issa dawn l-impenji huma inkorporati fil-Protokoll ta' Adeżjoni tar-Repubblika tas-Seychelles mad-WTO.

(5) L-adeżjoni mad-WTO hija mistennija tagħmel kontribut pożittiv u dejjiemi għall-proċess ta' riforma ekonomika u għall-iżvilupp sostenibbli fir-Repubblika tas-Seychelles.

(6) Il-Protokoll ta' Adeżjoni għandu għalhekk jiġi approvat.

(7) L-Artikolu XII tal-Ftehim li jistabbilixxi d-WTO jistipula li għandu jintlaħaq ftehim dwar it-termini tal-adeżjoni bejn il-Membru li qed jissieħeb u d-WTO, u li l-Konferenza Ministerjali tad-WTO tapprova t-termini tal-adeżjoni min-naħa tad-WTO. L-Artikolu IV.2 tal-Ftehim li jistabbilixxi d-WTO jipprovdi li matul l-intervalli bejn il-laqgħat tal-Konferenza Ministerjali, il-funzjonijiet tagħha jitmexxew mill-Kunsill Ġenerali.

(8) Għalhekk, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tieħu l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill Ġenerali tad-WTO dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tas-Seychelles fid-WTO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tas-Seychelles mad-WTO, hija li tapprova l-adeżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ dakinhar tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President